# Animazzjoni - L-Ewwel Ħadd tar-Randan (Sena Ċ)

**Dhul:**

Fil-Liturġija ta' dan l-Ewwel Ħadd tar-Randan, se nkomplu mexjin fuq dak li bdejna flimkien nhar l-Erbgħa li għadda, iż-żmien hekk qawwi u qaddis tar-Randan. Fir-Randan il-Knisja tistedinna sabiex nitqawwew fit-talb, fil-karità u fis-sawm. Dan aħna imħeġġin nagħmluh biex inġeddu u nsaħħu l- konverżjoni ta' qalbna lejn Alla.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum, tidher l-importanza li nistqarru l-fidi tagħna fil-Mulej. Bl-istqarrija tal-fidi n-nisrani joqrob aktar lejn Alla. Tul ħajtu, Ġesù ukoll għamel dan, b'mod speċjali fid-deżert, meta bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tqabad kontra t-tentazjonijiet tax-xitan.
Nisimgħu il-Kelma ta' Alla.

**Salm Responsorjali:** Kun miegħi, Mulej, fid-dwejjaq.

**Offertorju:**

F'dan il-mument bħala komunità miġbura se noffru l-offerta tagħna lil Alla permezz tal-ħobż u l-inbid. Inħallu dawn l-ispeċi jkunu għalina ta' dawl għall-offerti li sejrin nagħmlu f'dan iż-żmien tar-Randan.
Ejjew mela filwaqt li nressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, nkantaw flimkien.

**Tqarbin**

"Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix" Dan il-kliem jilħaq il-milja tiegħu propju f'dan iż-żmien qaddis tar-Randan.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.